MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Rikors Smiegh Numru. 125/2008

**Panta Marketing & Services Limited**

**Vs**

**Euro Chemie Products Ltd.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta Kosecp (Distribution and Business Services) Limited pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Frar 2008 fejn gie espost is-segwenti:-

"Illi s-socjeta esponenti pprezentat rikors fl-attti ta' dan il-Mandat ta' Qbid numru 1618/07JVA fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap. 12, illi permezz tieghu s-socjeta esponenti talbet li dina l-Onorabbli Qorti tordna ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors, illi l-Mandat ta' Qbid odjern, m'ghandux jigi ezegwit fuq l-oggetti li l-Marixxal qabad fit-tmienja (8) t'Awwissu 2007.

Illi dan ir-rikors gie dekredat kameralment fl-erbgha (4) t'Ottubru 2007 w it-talba tas-socjeta esponenti giet michuda u dana minghajr ma tali rikors gie appuntat ghas-smiegh.

Illi bir-rispett dovut lejn dina l-Onorabbli Qorti, id-deliberazzjoni tar-rikors tas-socjeta esponenti sar b'mod kompletament irritwali.

Illi dana peress illi l-artikolu 283A tal-Kap 12 tassattivament jistupula illi:-

**'(2)** Il-Qorti ghandha tappunta ghas-smiegh u tisma r-rikors imsemmi fis-sub artikolu (1) ta' dan l-artikolu fi zmien sitt (6) ijiem mill-prezentata tar-rikors.'

Illi tali smiegh qatt ma gie appuntat w ghalkemm il-kontro parti giet notifikata bir-rikors tas-socjeta esponenti u dahhlet r-risposta taghha, dina l-Onorabbli Qorti naqset li taghti digriet separat fil-miftuh kif jiddisponi l-artikolu 283(4) tal-Kap. 12, imma minflok tat digriet kamerali kif diga intqal.

Illi dina l-irritwalita qieghada tirreka pregudizzju gravi lis-socjeta esponenti minhabba illi, ai termini tas-subartikolu 5 ta' l-istess artikolu 283A tal-Kap 12, appell minn digriet moghti taht l-artikolu 283A tal-Kap 12, jista jsir fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara mill-Qorti bil-miftuh. Galadarba d-digriet m'inqarax fil-miftuh kif titlob l-ligi, is-socjeta esponenti hija mcahhda milli tinterponi appell mid-digriet tal-erbgha (4) t'Ottubru 2007 kif tiddisponi l-ligi.

Ghaldaqstant talbet in visto tal-irritwalita illi giet segwita r-rikors taghha jigi dekretat, tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-erbgha (4) t'Ottubru 2007, tappunta s-smiegh tar-rikors originali taghha u tipprocedi sabiex tiddekreta tali rikors fil-miftuh u dana sabiex is-socjeta esponenti ma tkunx imcahda mill-possibilta li tinterponi appell minn tali digriet jekk ikun hemm il-htiega."

Rat id-digriet taghha tal-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Frar 2008 fejn ordnat notifika ta’ dan ir-rikors lill-kontro parti is-socjeta Panta Marketing & Services Limited.

Rat ir-risposta tas-socjeta Panta Marketing & Services Limited fejn esponiet is-segwenti:-

“Illi permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Qorti nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Frar 2008, is-socjeta esponenti inghatat jumejn zmien sbaiex tirrispondi ghar-rikors intavolat nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Frar 2008 minn Euro Chemie Products Limited.

Illi d-digriet moghti minn din l-Qorti nhar it-tnax (12) ta’ Frar 2008 ghandu jigi konfermat fl-intier tieghu b’dan illi l-Mandat Ezekuttiv ta’ Qbid nmru 1618/07 ghandu jibqa in vigore.

Illi kif gja irriteniet s-socjeta esponenti fir-risposta taghha pprezentata fil-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar 2008, ir-rikors tas-socjeta rikorrenti datat tnejn w ghoxrin (22) ta’ Jannar 2008 huwa irritwu u null u dan ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta li a skans a ripetizzjoni qed giet annessa ma din ir-risposta bhala Dok. PM 1.

Illi r-rikors odjern huwa biss l-ennizmu tentattiv tas-socjeta rikorrenti ntiz biss sabiex ittawwal il-proceduri t’ezekuzzjoni a bazi ta’ mandat li fih innifsu m’ghandu xejn irregolari fil-hrug tieghu w ghalhekk huwa ghal kollox inapplikabbli l-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi kif inghad fl-imsemmija risposta, l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghar-rikors ipprezentat mis-socjeta rikorrenti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Jannar 2008 b’dan illi b’hekk dina l-Qorti ma kellha tappunta l-ebda seduta ghas-smiegh tal-istess rikors.

Ghaldaqstant talbet ghar-ragunijiet suesposti, sabiex din il-Qorti tichad it-talba rikorrenti odjerna ghar-revoka contrario imperio minnha moghti nhar it-tnax (12) ta’ Frar 2008.”

Rat id-digriet taghha tal-hdax (11) ta' Marzu 2008 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-tmienja (8) t'April 2008 (fol. 43).

Rat id-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbatax (14) t'Ottubru 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza hija koncentrata purament fuq l-interpretazzjoni li din il-Qorti ghandha taghti lejn l-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar kif jistghu jigu attakkati l-atti ezekuttivi kollha. Dan l-artikolu jipprovdi li jista jsir rikors quddiem il-Qorti li tkun harget il-mandat, li permezz tieghu r-rikorrenti jitlob "li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fuq tali rikors ghal provvediment simili ghat-thassir in toto jew in parte ta' l-att, dik il-Qorti ghandha ssegwi l-procedura traccata fis-subartikoli (2) (3) u (4) tal-imsemmi artikolu 283A – jigifieri tappunta r-rikors ghas-smiegh fi zmien sitt (6) ijiem, tordna n-notifiki necessarji bil-fakoltajiet imsemmija fis-subartikolu (3) u taghti d-decizjoni taghha b'digriet moghti "fil-Qorti bil-miftuh".

L-artikolu 283A jikkontempla talba minn intimat f'mandat esekuttiv biex ihassar il-mandat ghal raguni valida fil-ligi.

Issa, f'dan il-kaz jidher li ma hemm xejn irregolari fil-hrug tal-mandat u dan ghaliex m'hemm l-ebda allegazzjoni f'dan is-sens. L-ilment huwa dirett lejn l-ezekuzzjoni tal-mandat mhux il-hrug tieghu. Jekk, kif qed jigi allegat gew elevat oggetti li ma jappartjenux lid-debitur, dan ma jwassalx ghan-nullita jew ghat-thassir tal-mandat, izda semmai, ghar-revoka tal-ezekuzzjoni tal-mandat, kwantu gew elevati oggetti 'n kwistjoni. Pero l-interess guridiku

biex tigi promossa tali azzjoni jappartjeni lil terz allegat propretarju u mhux lid-debitur.

Illi ghalhekk it-tezi tal-esponenti ma ssibx konfort taht din l-artikolu tal-ligi. Il-procedura adoperata mir-rikorrenti hi ghalhekk ghal kollox irritwali u t-talba qatt ma setghet tigi kkunsidrata.
Jinghad ghalhekk li l-Artikolu 283A jipprovdi dwar kif jistghu jigu attakkati l-atti ezekuttivi u huwa minnu li din il-Qorti fid-digriet taghha m'adoperatx il-procedura hemm imsemmija, meta ddekretat kameralment ir-rikors tar-rikorrenti nhar l-erbgha (4) t'Ottubru 2007.

Din il-Qorti pero kienet gusitifikata li ma ssegwix il-procedura traccata fis-subartikoli (2) (3) u (4) imsemmija u dan peress li ma jistax jinghad li r-rikors tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Jannar 2008 kien sar skond u ai finijiet tal-Artikolu 283A(1). It-talba fir-rikors tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Jannar 2008 ma kienitx ghat-thassir, in toto jew in parte ta' l-att ezekuttiv impunjat, izda kienet sabiex tigi ordnata illi l-Mandat ta' Qbid odjern numru 1618/07JVA m'ghandux jigi esegwit fuq l-oggetti li l-Marixxal qabad fit-tmienja (8) t'Awwissu 2007.

Kif tajjeb osservat l-intimata fir-risposta taghha, tali talba ma tinkwadrax ruhha fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 283A b'ghanijiet specifici, dik l-istess procedura ma tistax tigi estiza ghal ghanijiet ohra.

**Konsegwentement din il-Qorti setghet tichad it-talba tar-rikorrenti kameralment u minghajr ma tappunta l-istess rikors ghas-smiegh.**

**Ghaldaqstant l-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------